TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 406/10

**Edera Griffiths**
**vs**
**Tango**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sittin ewro (€60), rappreżentanti prezz ta' libsa.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat libsa mingħand id-ditta intimata u meta marret għat-tieġ rat persuna oħra liebsa libsa bħalha, minkejja li s-soċjeta' intimata għandha *policy* li jinkiteb l-isem tal-konsumatur biex ma tinbiegħx libsa oħra bħalha għall-istess okkażjoni jew il-konsumatur jiġi nfurmat illi t-tali libsa tkun diġa' nbiegħet lil xi ħadd ieħor, u f'dan il-każ ma sarx u r-rikorrenti ma kinitx infurmatha, għax kien hemm persuna oħra li kellha libsa bħal tagħha fit-tieġ.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi l-persuna l-oħra xtrat tliet ilbiesi u ma kinitx qaltilhom meta se tilbes dik il-libsa u għal liema okkażjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jinnota li jekk is-soċjeta' intimata għandha din il-*policy* li jinfurmaw lill-klijenti meta se jintużaw l-ilbiesi, jmissha ħadet l-interess u ssaqsi lill-persuna meta kienet se tintlibes il-libsa, pero' f'dan il-każ it-Tribunal qiegħed jinnota wkoll illi l-libsa hija tajba u ntużat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888